**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il -Hamis 5 ta' Marzu 2020**

**Rikors nru: 188/17 AGV**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attrici pprezentat fl-10 ta' Awissu, 2017 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet twieldet wild minuri, EDB li twieled nhar it-28 ta' Frar, 2010 u FD li twieldet nhar il-5 ta' Mejju, 2016 (ara

certifikat tat-twelid tal-minuri hawn anness u mmarkat bhala Dok.A u B).

2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxat minhabba agir aggressiv da parti tal-konvenut fil-konfront tal-esponenti u tal-ulied minuri u l-vizzju tad-droga; u ghaldaqstant hija tixtieq li tirregola l-kura u kustodja, il-manteniment u l-access tal-imsemmija minuri, fost affarijiet ohra relatati mal-minuri u di fatti pprosegwit permezz ta' proceduri ta' medjazzjoni.

3. Illi waqt is-seduti ta' medjazzjoni, l-esponenti ippruvat tasal ghall-ftehim bonarju madanakollu l-intimat baqa' jinsisti li ma jridx jikkoopera u jiftiehem fuq it-tfal. Ghaldaqstant, hija giet kostretta titlob l-gheluq tal-medjazzjoni u l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din il-kawza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet datat 21 ta' Lulju, 2017 (ara dok.C).

Ighid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna l-kura u kustodja tal-minuri EDB u FD tkun fdata f'idejn l-esponenti u sabiex l-esponenti tiehu dawk id-decizjonijiet kollha relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-minuri.

2. Tordna li l-imsemmi minuri jirrisjedi flimkien mal-esponenti u dan kif jigi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

3. Takkorda access ghall-konvenut ghall-minuri taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg u dan wara li jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tal-

minuri, anke tramite ta' assessments appoziti, sabiex il-missier ikollu dritt jezercita access favur il-minuri, tenut kont tal-agir aggressiv tal-intimat u l-vizzju tad-droga.

4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti ghall-imsemmija minuri u jibqghu hekk pagabbli sakemm il-minuri jaghlqu l-eta' ta' tmintax-il sena jekk jieqaf mill-iskola u jibdew jahdmu fuq bazi full-time, jew sa 23 sena jekk il-minuri jiddeciedu li jibqa' jistudja; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li jkun qed jippercepixxi l-konvenut, u jigu depositati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja u li l-esponenti tircievi kwalunkwe beneficcju tat-tfal, inkluz spejjes relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.

5. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes kollha ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikun ghadu qed jistudja, inkluz u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjes ohra relatati mal-edukazzjoni, inkluz spejjes relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.

6. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri EDB u FD , fosthom, izda mhux limitatament, dwar kif ghandu jigi regolat is-safar u l-hrug tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaporti ghandhom jinzammu mill-esponenti, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi ohra u extra-kurrikulari,

u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes u imghaxijiet kollha, inkluz dawk relatati mal-ittra ta' medjazzjoni numru 1003/17, kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' CD li eccepixxa illi:-

1. Illi l-allegazzjonjiet tal-attrici fil-konfront tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kien propju minhabba l-agir tal-attrici li r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat.

2. Illi rigward l-ewwel talba attrici, l-istess talba ghandha tkun michuda minn dina l-Onorabbli Qorti stante li l-kura u kustodja tal-minuri E u F, ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet.

3. Illi rigward it-tieni talba tal-attrici, il-konvenut jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-minuri jirrisjedu mal-attrici.

4. Illi rigward it-tielet talba attrici, l-istess talba ghandha tkun michuda stante li ma tezisti ebda raguni valida li l-access ghall-konvenut ghall-minuri ghandu jkun akkordat taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg. L-Onorabbli Qorti ghandha takkorda access ghall-konvenut ghall-minuri minghajr ebda htiega ta' supervizjoni.

5. Illi rigward ir-raba' talba tal-attrici, filwaqt li l-konvenut jiddikjara li l-attrici ghandha tircievi beneficcju tat-tfal, izda l-Onorabbli Qorti m'ghandha tillikwida l-ebda ammont ta' manteniment li jithallas mill-konvenut stante li huwa ma huwa ntitolat ghall-ebda ghajnuna ta'

beneficcju socjali, m'ghandu l-ebda mezzi finanzjarji, ma jahdimx u jirrisjedi gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, kif ukoll l-attrici tinsab f'qaghda finanzjarja ferm aktar tajba mill-konvenut.

6. Illi rigward il-hames talba tal-attrici, l-istess talba ghandha tkun michuda stante li hija se tkun qed tircievi l-beneficcji kollha tat-tfal, tinsab f' qaghda finanzjarja ferm ahjar mill-konvenut, huwa ma huwa intitolat ghall-ebda ghajnuna ta' beneficcji socjali, m'ghandu l-ebda mezzi finanzjarji, ma jahdimx u jirrisjedi gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

7. Illi rigward is-sitt talba, filwaqt li l-konvenut jiddikjara li l-Qorti ghandha taghti provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw liz-zewg minuri, huwa ma jaqbilx li l-passaport taz-zewg minuri ghandu jinzamm mill-attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attrici AB , li hija minn issa ngunt in subizzjoni.

**<u>FATTI</u>**

1. Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonferma li kien hemm vettura wahda rregistrata fuq il-konvenut.[1]

[1] Ara Doks.TM 1 – TM 4 a fol. 42-47 tal-process,

2. Alison Mifsud Brimmer, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li kien hemm diversi kontijiet f'isem l-attrici[2] u kont wiehed f'isem il-konvenut. [3]

3. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat illi f'isem il-konvenut kien hemm xi kontijiet li llum maghluqa.[4] Hemm xi kontijiet f'isem l-attrici li ghadhom miftuha.[5]

   Kien hemm kont li naghlaq fl-2017 u dan peress li l-konvenut ma kienx hallas. Wara li l-bank ipprezenta ittra legali, l-account inqaleb ghal-loan differenti b'account numru differenti u l-ahhar deposit kien sar fl-2015.[6] Kien hemm kont iehor li ukoll inqaleb ghal-loan peress li ma kinux qed isiru pagamenti.[7]

   Tghid li l-partijiet kellhom kont iehor ma' terzi li nfetah fl-2017 u kien ghadu miftuh.[8]

   F'isem il-konvenut kien hemm ukoll insurance u shares mixtrijin mill-BOV Asset Management. L-insurance MSV Life.

   Dwar il-credit card dan il-kont naghlaq fl-2015 u nqaleb f'loan.[9]

---

[2] Ara Doks. CFK 1 – CFK 5 a fol. 48 – 300 tal-process
[3] Ara Doks. CFK 5 a fol.301 -307 tal-process.
[4] Ara Doks. CFK u CFK 2 a fol. 313 – 338 tal-process
[5] Ara Doks, CFK 8 – CFK 9 a fol.365 -380 tal-process.
[6] Ara Doks. CFK 11, CFK 5 a fol. 382 u fol.346 tal-process.
[7] Ara Dok CFK 6 a fol. 348 tal-process.
[8] Ara Dok.CFK 10 a fol. 311 tal-process.
[9] Ara Dok, CFK 7 a fol. 349 tal-process.

4. PS 192 Ramon Gudano, ipprezenta hames rapporti li saru mill-attrici, izda ma setax jikkonferma jekk kienux ittiehdu passi kontra l-konvenut.[10]

5. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' JobsPlus pprezenta r-registration history, kif ukoll l-employment history tal-attrici u kkonferma li lanqas kienet registrata ghax-xoghol u lanqas ma kienet qed tahdem.[11]

6. Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali, esebixxa informazzjoni dwar beneficcji socjali li jircievi l-konvenut. Jirrizulta li jircievi unemployment assistance (UA), ghajnuna fil-perjodu tal-kors kontra il-vizzju tad-droga.[12] Fit-8 ta' Gunju, 2018, il-konvenut rega' applika ghall-ghajnuna socjali u beda jirceviha mill-25 ta' Awissu, 2018.[13] Illum jikkonferma li l-konvenut qed jircievi l-ghajnuna socjali.

7. Isabella Jacobsen, in rapprezentanza ta' Sedqa esebit rapport ta' social worker li kien isegwi l-kaz tal-konvenut wara li kien qed isegwi programm ta' riabilitazzjoni u gie mkecci darbtejn, darba ghax inqabad b'mobile fil-pussess tieghu u darb'ohra minhabba l-attitudni mar-residenti l-ohra ta' Santa Marija.[14]

8. Noel Cassar, in rapprezentanza ta' Caritas ikkonferma li l-konvenut kien ghamel il-programm ta' riabilitazzjoni kollu u kien mar tajjeb ghax ma kienx baqa' jabbuza mid-droga. Ighid pero' li

---

[10] Ara Doks. RG 1 – RG 5.
[11] Ara Doks. JS1 u JS2.
[12] Ara Dok. ICD 1.
[13] Ara Dok. ICD 2.
[14] Ara Dok.IS 1

l-ahhar li kien rah kien f'Lulju, 2014 peress li ma kienx baqa' jmur ghal xi sezzjonijiet, kif generalment hafna residenti kienu jibqghu jaghmlu wara li jitilqu.[15]

9. Christianne Borg, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Kriminali, ipprezenta hames sentenzi li kienu nghataw fil-konfront tal-konvenut fuq serq u droga. Ikkonfermat li ma kienx hemm appelli pendenti fuq dawn il-kawzi.[16]

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

Illi fis-sentenza moghtija minn Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Susan Ellen Lawless vs Il Recerendo George Lawless** deciza 8.12.1858 (Vol I, 180) inghad illi "***la cura ed educazione dei figli nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi che si riconoscera piu' atto ed idoneo a curarli ed educarli avuto riguardo alla loro eta' ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.* "**

Fis-sentenza **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo** Qorti tal-Appell 25..11.1998 fejn dik l-Onorabli Qorti qalet illi:

***"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child***

[15] Ara Dok. NC 1.
[16] Ara Doks. CB1 – CB 5

***should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child.***

It-tfal minuri trabbew prattikament mill-attrici. Jirrizulta li l-konvenut ma tantx ighix hajja ezemplari u mir-rizultanzi processwali kien anke spicca wehel habs minhabba pussess ta' droga, kif ukoll minhabba diversi atti ta' serq, ghal liema atti skonta diversi pieni l-habs.

Ghalkemm Noel Cassar, in rapprezentanza tal-Caritas, ikkonferma li l-konvenut kien spicca l-programm ta ' riabilitazzjoni, pero' ma kienx sema' minghandu sa mis-sena 2014, jibqa' l-fatt li r-riskji ta' relapse jezistu dejjem.

Oltre minn hekk il-hajja kriminali li assoggetta ruhu ghalija l-konvenut mhux dehen ta' missier u dina l-Qorti ghandha thares dejjem l-interessi primarji tat-tfal. Dawn l-interessi, ghandhom jinkludu fost ohrajn li l-minuri jitrabbew f'ambjent ta' imhabba u stabbilita' u f'ambjent morali gust 'l boghod minn kwalsiasi vizzji u tentazzjonijiet li jistghu jwassluhom jizvijaw mit-triq tas-sewwa.

Ghalhekk, ghalkemm kulhadd ghandhu jinghata cans iehor, il-fatti juru li l-konvenut ma jistax joffri din l-istabbilita' l-imhabba u principji morali

gusti ghax ma ghex hajja ezemplari, specjalment minhabba l-vizzji tieghu tad-droga. Jirrizulta li l-konvenut kien iggieled kontra dan il-vizzju, izda mhux minghajr problemi.

Ghalhekk, dina l-Qorti thoss li fl-ahjar interess tal-minuri, il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' vestita f'idejn l-attrici, kif ukoll l-izvilupp edukattiv u tas-sahha tal-minuri ghandha tigi eskluzzivament fdata f' idejn l-attrici.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Skond l-artikolu 3B(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-obbligu ta' manteniment jaqa' fuq iz-zewg udituri b'mod ugwali u ma tezisti ebda skuza sabiex tezimi l-genitur biex ma jhallasx manteniment ghal uliedu.

Fis-sentenza **Angelo Borg vs Kirsten Borg**[17] inghad hekk:-

***"In tema legali jigi osservat li, ghalkemm il-manteniment dovut ghandu jkun proporzjonat bejn il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-minuri, jibqa' ferm il-principju li "kull genitur ghandu jara x'jaghmel biex jaghmel sforz genwin (anke a skapitu tal-interessi personali tieghu) biex imantni lill-ulied li jkun gab fid-dinja" multo magis, bhal fil-kaz prezenti, il-genitur, allura l-konvenuta, kapaci tahdem u tiggenera ntrojtu."***

[17] Deciza 24.06.2009

L-artikolu 54 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta jikkontempla li l-ammont ta’ manteniment ghall-ulied ghandu jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewwgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewwgin u tal-ulied, inkluz dan li gej (a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu c-cirkostanzi kollha taghhom;… (e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewwgin, jew min minnhom, jircievu skond il-ligi, minbarra kull ghajnuna socjali li mhix kontributorja li tkun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurta’ Socjali. Fil-kawza **Claire Booker vs. Roger Mahlangu**[18] dina l-Onorabbli Qorti rriteniet illi “***il-Qrati taghna kostantement irritenew illi l-quantum tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li m’ghandux il-kustodja tal-minuri, jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali appena citati.”***

L-attrici pproduciet provi li hija ma tahdimx u lanqas tirregistra, filwaqt li l-konvenut ighix fuq beneficcji socjali peress li kien jinstab il-habs. Ghalhekk, il-finanzi evidentement huwa llimitati mill-kontendenti li t-tnejn m’ghandhomx impjieg u jghixu mill-beneficcji. L-attrici, fl-ahhar tal-proceduri ezebit ritratti sabiex tikkonferma li l-konvenut jahdem ma’ Aquani Water (Nibe Marketing Ltd.). L-attrici ma resqitx provi minn xi rapprezentant ta’ din is-socjeta’, sabiex isahhah it-tezi taghha li l-konvenut jahdem, izda llimitat il-provi

[18] Rik.Nru. 183/2016 deciza fis-7 ta’ Dicembru, 2017

taghha ghal dawn ir-ritratti li minnhom jidher li hemm il-konvenut. Dawn per se ma jindikawx x'inhu l-introjtu tieghu, pero' jibqa' l-fatt li l-konvenut mhux biss jircievi beneficcji socjali, imma jidher li hemm indikazzjonijiet li qed jahdem.

In vista ta' dan kollu dina Qorti thoss li l-ammont ta' manteniment ghall-minuri ghandu jibqa' wiehed minimu, tenut kont tal-introjtu baxx tal-konvenut, fis-somma ta' €200 fix-xahar ghal kull wild. L-ispejjes edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet u dan sakemm it-tfal jaghlqu tmintax-il sena jew jibdew jahdmu jew sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrin sena jekk ma jahdmux full-time u ghadhom jistudjaw fuq bazi full-time, skond liema wahda minnhom tavvera ruhha l-ewwel.

**<u>ACCESS</u>**

Kif diga' sahqet dina l-Onorabbli Qorti, il-konvenut mhux persuna li tafda lit-tfal minuri maghha, partikolarment meta hemm certi riski ta' droga, kif ukoll kommissjoni ta' reati li ma joffru xejn bhala ezempju xieraq lit-tfal minuri. Ghaldaqstant, ikun opportun li l-access jigi ezercitat taht supervizjoni, b'dana li l-Agenzija Appogg ghandha kull sitt xhur tirrelata fuq l-istess bir-rakkomandazzjonijiet taghha kif l-ahjar interessi tal-minuri jistghu jigu ssalvagwardati.

Dan l-access ghandu jigi ezercitat darba fil-gimgha, f'dik il-gurnata hekk kif irrakkomondata mill-Agenzija Appogg.

**PASSAPORT**

Il-passaporti tal-minuri ghandhom jinzammu mill-attrici b'dana li l-minuri jkunu jistghu jsiefru mal-attrici, sa fejn hu possibbli fil-vaganzi skolastici biss. Il-hrug tal-passaport ikun jista' minghajr il-htiega tal-konvenut. Diment li l-access jibqa' taht supervizjoni, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut m'ghandux ikollu dritt li jivvjagga mal-minuri.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici;
2. Tilqa' t-tieni talba attrici;
3. Tilqa' t-tielet talba attrici;
4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna li l-konvenut ihallas lill-minuri s-somma ta' €200 fix-xahar ghal kull wild, kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, u dan sakemm it-tfal jaghlqu tmintax-il sena jew jibdew jahdmu jew sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrin sena jekk ma jahdmux full-time u ghadhom jistudjaw fuq bazi full-time, skond liema wahda minnhom tavvera ruhha l-ewwel.
5. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dina t-talba stante li l-mertu gie deciz aktar 'l fuq;
6. Tilqa' s-sitt talba kif gie deciz aktar 'l fuq;

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati kollha mill-konvenut.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**